

Brussell, 12 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8751/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0070 (COD)**

**CODEC 569
CLIMA 133
ENV 312
TRANS 166
MI 292
PE 21**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 biex jinkludi flessibbiltà addizzjonali fir-rigward tal-kalkolu tal-konformità tal-manifatturi mal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO ₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda għas-snin kalendarji mill-2025 sal-2027 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-5 sat-8 ta' Mejju 2025)

I. INTRODUEZZJONI

Wara li l-plenarja tal-Parlament Ewropew approvat it-talba mill-grupp tal-Partit Popolari Ewropew (PPE) biex jipproċedi skont ir-Regola Nru 170 (Proċedura urġenti) fis-6 ta' Mejju 2025, tressqu tlieta u għoxrin emenda mill-Grupp tal-Konservattivi u Riformisti Ewropej (ECR) u l-Grupp Patrijotti għall-Ewropa (PŕE).

Fis-7 ta' Mejju 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq mingħajr emendi, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

II. VOT

Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-8 ta' Mejju 2025 billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni u rrifjuta l-emendi kollha mressqa. Din il-pożizzjoni tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu.

Il-Kunsill għandu għalhekk ikun fpożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness ma' dan, u b'hekk jingħalaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrisponi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

P10_TA(2025)0099

**L-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi
ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda għas-snin kalendarji
mill-2025 sal-2027**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Mejju 2025 dwar il-proposta għar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 biex jinkludi flessibbiltà addizzjonali fir-rigward tal-kalkolu tal-konformità tal-manifatturi mal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda għas-snin kalendarji mill-2025 sal-2027 (COM(2025)0136 – C10-0062/2025 – 2025/0070(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0136),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 u l-Artikolu 168(4), il-punt b, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0062/2025),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-29 ta' April 2025¹,
 - wara li kkonsulta l-Komitat tar-Reġjuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 170 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Mejju 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 biex jinkludi flessibbiltà addizzjonali fir-rigward tal-kalkolu tal-konformità tal-manifatturi mal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda għas-snin kalendarji mill-2025 sal-2027

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw il-Komitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ Opinjoni tad-29 ta' April 2025 (għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Mejju 2025.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jistabbilixxi l-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ għal karożżi ġodda tal-passiġġieri u għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda li jiffurmaw parti ewlenija mill-qafas tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990 sal-2030 u tinkiseb in-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050.
- (2) Bi tveġiba għal talba mill-partijiet ikkonċernati għal flessibbiltà addizzjonali tal-konformità fuq il-miri ta' CO₂ rigward il-perjodu mill-2025 sal-2027, jixraq li tiġi adottata b'mod urġenti emenda li tipprevedi flessibbiltà ta' darba għal dawk it-tliet snin fir-rigward tal-kalkolu tal-konformità mal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂, filwaqt li jinżammu l-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂.
- (3) Matul il-perjodu mill-2025 sal-2027, il-manifatturi jenħtieġ li jiżguraw li l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO₂ tal-vetturi tagħhom ma jaqbżux mira tal-emissjonijiet, ikkalkulata bħala l-medja tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi annwali tagħhom matul dak il-perjodu. Il-konformità ma' dawk il-miri jenħtieġ li tiġi vvalutata fi tmiem il-perjodu ta' tliet snin għal kull manifattur individwali. Il-primjums għall-emissjonijiet eċċessivi jenħtieġ li jiġu kkalkulati kif xieraq.

³ Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karożżi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/631/oj>).

- (4) Sabiex id-dispożizzjonijiet dwar il-konsorzju jiġu allinjati mal-flessibbiltà addizzjonali ta' konformità fis-snin mill-2025 sal-2027, jenħtieġ li jkun possibbli li wieħed jidħol fi ftehimiet ta' konsorzju għas-sena kalendarja 2025 jew 2026 sa tmiem l-2027.
- (5) Minħabba li l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jipprovdi flessibbiltà addizzjonali għall-konformità ta' CO₂ fil-perjodu mill-2025 sal-2027 filwaqt li jiġu ppreservati r-rekwiżiti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂ kemm għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri kif ukoll għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjeta' kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-oġġettiv.
- (6) Minħabba l-urġenza li tiġi pprovdata flessibbiltà addizzjonali għall-konformità ta' CO₂ fil-perjodu mill-2025 sal-2027 filwaqt li jiġu ppreservati r-rekwiżiti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂ kemm għal karozzi ġodda tal-passiġġieri kif ukoll għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda, jitqies li huwa xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/631 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2019/631 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“1a. B’deroga mill-paragrafu 1, għall-perjodu ta’ tliet snin li jinkludi s-snin kalendarji mill-2025 sal-2027, manifattur, inkluż meta jkun membru ta’ konsorzju, għandu jiżgura li l-emissjonijiet speċifiċi medji tiegħu ta’ CO₂ matul dak il-perjodu ma jaqbżux il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu matul dak il-perjodu.

Dawk l-emissjonijiet speċifiċi medji ta’ CO₂ għandhom jiġu kkalkolati bħala l-medja fuq il-perjodu ta’ tliet snin tal-emissjonijiet speċifiċi medji annwali ta’ CO₂ ponderati skont l-għadd ta’ vetturi ġodda rreġistrati għall-manifattur f’kull sena kalendarja.

Il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi għandha tiġi kkalkulata bħala l-medja fuq il-perjodu ta’ tliet snin tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi annwali ddeterminati f’konformità mal-punt 6.3 tal-Parti A jew tal-Parti B tal-Anness I jew, meta manifattur jingħata deroga skont l-Artikolu 10, f’konformità ma’ dik id-deroga, ponderata skont l-għadd ta’ vetturi ġodda rreġistrati għall-manifattur f’kull sena kalendarja.

Għal kull sena kalendarja li fiha manifattur ikun ġie inkluż f’konsorzju, l-emissjonijiet speċifiċi medji annwali ta’ CO₂ u l-mira annwali tal-emissjonijiet speċifiċi li għandhom jintużaw għal dawk il-kalkoli għandhom ikunu l-valuri għal dak il-konsorzju.”;

(2) fl-Artikolu 6(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“B’deroga mill-ewwel subparagrafu, jista’ jintlaħaq ftehim biex jiġi ffurmat konsorzju li jkopri s-sena kalendarja 2025 jew 2026 sal-31 ta’ Diċembru 2027.”;

(3) fl-Artikolu 8(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“B’deroga mill-ewwel subparagrafu, fir-rigward tas-snin kalendarji mill-2025 sal-2027, il-Kummissjoni għandha timponi primjum għall-emissjonijiet eċċessivi fuq kwalunkwe manifattur li l-emissjonijiet speċifiċi medji tiegħu ta’ CO₂ matul dawk it-tliet snin jaqbz u l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu matul il-perjodu mill-2025 sal-2027.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
